Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/31*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 31 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar it-Tlieta 21 ta' Lulju, 2015 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |

Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud infurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li qegħda rikoverata l-isptar u għalhekk ma tistax tattendi għal din il-laqgħa. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsilliera Mifsud għandha tkun skużata.

**1. Talba**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-30**

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**3. Rapport Annwali Amministrattiv 2014**

Ir-Rapporti Annwali Amministrattiv 2014 tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill. Dan ir-rapport ġie diskuss u approvat unanimament.

**4. Korsijiet matul ix-xhur tas-Sajf**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li applikaw ħmistax tfal biex jattendu għal dawn il-korsijiet. Dawn se jitqasmu fi tlett gruppi skond l-eta. Ser isiru żewġ lezzjonijiet kuljum mit-Tnejn sal-Ġimagħa.

**5. Attivitajiet matul is-Sajf**

Is-Sindku ippropona li matul is-sajf jiġu organizzati xi attivitajiet. Huwa issuġġerixxa li norganizzaw ħarġa għall-anzjani u l-familji permezz tal-Calypso Train u ħarġa oħra għal Splash and Fun f'Malta. Is-Sindku ippropona ukoll li norganizzaw safra sa Sqallija. Il-Kunsill qabel mal-proposti tas-Sindku u għalhekk ser isiru l-avviżi u x-xogħol meħtieġ biex dawn l-attivitajiet ikunu jistgħu isiru.

**6. Korrispondenza**

6.01 Memo 16/2015 – Migrazzjoni għall-Akkwist Elettroniku.

6.02 Id-Direttur għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni dwar għajnuna lill-Kunsilli li għandhom Librerija ġiet aċċettata. Għalhekk il-librara Marvic Attard Briffa se tiġi infurmata dwar dan biex jinxtraw il-kotba.

6.03 Kevin Aquilina mill-MCA (Malta Communication Authority) bagħat ir-riżultati tat-testijiet li saru dwar raġġi mill-antenna. It-testijiet saru fi Pjazza s-Salvatur u mir-riżultati jidher li m'hemmx periklu għas-saħħa.

6.04 Animal Guardians talbu lill-Kunsilli Lokali biex jgħaddu mozzjoni dwar programm ta' trap neutering-return għall-qtates. Il-Kunsill irċieva ukoll korrispondenza oħra fejn qed jopponu dwar dan. Jidher li hemm xi diżgwid dwar dan u għalhekk il-Kunsill qabel li għalissa jipposponi d-deċiżjoni tiegħu.

6.05 Matthew Agius (Riċerkatur) mid-Dipartiment tal-Ġeoxjenza, L-Universita ta' Malta, talab lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex biex jidentifikaw postijiet taħt l-art fejn ma tantx jgħaddi traffiku u lanqas jidħlu ħafna nies. Dan il-post għandhom bżonnu biex jitpoġġa strument żgħir li jimmoniterja terrimoti madwar il-gżira ta' Għawdex. Il-Kunsill ma identifika ebda post pubbliku adattat. Jekk fil-futur jiġi identifikat xi post ninfurmaw lis-Sur Matthew Agius.

6.06 Joseph Zammit f'isem p.ARC u l-Perit Gordon Vella informa lill-Kunsill li l-MEPA talbet konferma minngħand il-Kunsill li ma jsib ebda oġġezzjoni biex tinġabar il-garanzija bankarja marbuta mal-permess PA3517/07. Dan il-permess huwa għall-kostruzzjoni ta' apartament fi Triq il-Fanal. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni u għalhekk se tintbagħat ittra lis-Sur Zammit.

6.07 Johanna Caruana (Accountant) infurmat lill-Kunsill li minħabba raġunijiet ta' saħħa mhux ser tkun tista' tkompli tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv fl-accounts tal-Kunsill. Johanna Caruana kienet tagħmel il-financial statements u anke xi rapporti finanzjarji oħra li jkolna bżonn speċjalment meta ikolna applikazzjoni ta' skemi speċjali jew fondi tal-EU. Il-Kunsill qabel unanimament li bħala accountant nistgħu inqabdu lill-Accountant Sharon Zammit. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li huwa ser ikompli jaħdem l-accounts kollha tal-Kunsill u kif kien isir qabel tintalab l-assistenza tal-accountant għal financial statements tal-aħħar tas-sena meta ikun ser isir l-awditjar u meta ikolna bżonn xi rapport finanzjarju għal xi applikazzjoni tal-EU.

**7. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-31 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**8. Materja oħra**

8.01 Carmel Caruana li joqgħod Triq il-Fanal u għandu post fi Triq il-Knisja kantuniera ma' Triq il-Kanun ilmenta li issir ħadida fil-kantuniera ta' dan il-post peress li vetturi kbar qed jaħbtu mal-kantuniera. Fl-opinjoni tas-Segretarju Eżekuttiv din ma tistax issir. Is-Sindku ippropona li issir bollard fil-kantuniera biex nevitaw li l-kantuniera tal-post tintlaqat mill-vetturi. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk se jiġi ordnat ix-xogħol għand Anġlu Mercieca.

8.02 Chris Zammit, Mark Zammit, Stella Mercieca, Renzo Galea, Nicholas Zammit, Maria Galea, Benny Zammit, Paul Zammit u Salvu Mercieca ilmentaw mal-Kunsill dwar l-istat ta' triq f'Wied is-Seqer. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien mar jara u ikkonferma li parti minn din it-triq għandha bżonn li titranġa peress li impossibbli li tgħaddi minnha. Din il-parti tat-triq trid titwitta u tingħata l-konkos. Barra minn hekk hemm bżonn li jinqata' l-ħaxix. Dwar il-ħaxix is-Sindku qal li diġa kellem lill-kuntrattur tat-tindif tat-toroq biex imur jaqta' l-ħaxix. Dwar ix-xogħlijiet li hemm bżonn isiru biex titranġa it-triq is-Sindku ippropona li nordnaw ix-xogħol lil kuntrattur Anton Mintoff. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk ser isir ix-xogħol meħtieġ.

8.03 Emelda Mizzi infurmat lill-Kunsill dwar toqob li saru fil-pjazza meta xi trakk (container) niżżel is-saqajn. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ħaddiema tas-CMU għamlu l-manutenzjoni meħtieġa.

8.04 Qed issir referenza għall-aħħar laqgħa tal-Kunsill fejn tlabna stima lill-kuntrattur Anton Mintoff biex isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni ta' gandott fi Triq Wied Sara. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-istima hija ta' €420 (VAT inkluż) għat-taħmil u €310 (VAT inkluż) biex jitneħħa z-zkuk u materjal ieħor. Il-Kunsill qabel li għandna nordnaw ix-xogħol biex jitneħħa kull periklu li jista' jkun hemm.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar it-Tnejn 31 ta' Awwissu, 2015 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-8.15p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |